MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VERONICA GALEA DEBONO**

Seduta tat-22 ta' Mejju, 2007

Talba Numru. 11/2006

**Talba Nru: 11/06VGD**

Brian Laudi (Id. 245575M) u martu Rebecca Laudi (Id. 65679M)

Vs

Summit Development Company Limited (C11662)

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-atturi talbu il-hlas lura minghand is-socjeta' konvenuta tas-somma ta' sitt mija u erbghin lira Maltin, (Lm640.00c) jew ammont aktar

verjuri, liema somma hija maghmula minn erba mija u hamsin lira Maltin (Lm450) depozitu akkont tal-prezz ta' immobbli u kwantu ghal mija u disghin lira Maltin (Lm190) jew ammont aktar verjuri rapprezentanti spejjez u danni ohra subiti mill-atturi in konsegwenza ghal fatt illi l-konvenju skada u spiccaw l-effetti tieghu, minghajr ma gie ppubblikat l-att tal-akkwist pprospettat u dan minhabba ragunijiet li tahti ghalihom is-socjeta' konvenuta, bl-ispejjes komprizi dawk tal-ittra interpellatorja tal-21 ta' Lulju 2005 u bl-imghax legali mis-16 ta' Lulju 2005 sad-data tal-pagament effettiv, kontra s-socjeta' konvenuta ingunta ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta' konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deheret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mill-atturi u l-fatt li s-socjeta' konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-atturi tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas is-somma ta' sitt mija u erbghin lira Maltin (Lm640.00c), bl-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjez ta' din il-kawza kif mitluba fl-Avviz ghandhom jigu ssopportati mis-socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------